MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1822/2005

**Easysell Caterers (Gozo) Ltd**

**Vs**

**Louie R Naudi pro et noe**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Ottubru, 2005 in forza ta' liema gie mitlub illi konvenut proprio et noe ghandu jigi kkundannat ihallas is-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija u tmienja u sittin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm1,468.68) dovuta in konnessjoni ma' valur ta' function illi kienet giet organizzata gewwa l-lukanda l-Imgarr Ghawdex bejn l-1 ta' Frar, 2003 u 2 ta' Frar, 2003.

Ra illi l-konvenut proprio et noe ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Dr Stefania Zerafa li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' elf erba' mija u tmienja u sittin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm1,468.68) bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Dicembru, 2003 u bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------